MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 594/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**John Muscat**

Kaz Numru: 594/2012

Illum 4 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **John Muscat**, ta' hamsin (50) sena, iben Joseph u Margaret neé Falzon, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, fil-15 ta' Dicembru 1961, u residenti fil-fond numru 18, Triq Torri Sopu, Nadur, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 56161(G) li gie akkuzat talli fid-19 ta' Lulju 2012, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00a.m.) u fis-snin ta' qabel, fil-fond 18, Triq Sopu, Nadur:

1. ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasafar imsemmijin fir-Regolament 4(1)(e) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I) minghajr ma ghamel talba lid-Direttur u minghajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew id-disponiment minghand id-Direttur u dan bi ksur ta' Regolament 4(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx u li anqas ressaq ebda provi.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 53), il-Prosekuzzjoni u d-difiza nghataw zmien sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 60), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghall-provi prodotti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 54 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jinghad illi din il-kawza kienet qieghda tinstema kontestwalment ma' tliet kawzi ohra kontra tliet imputati ohra differenti u li din hija r-raguni ghala waqt id-domandi maghmula lix-xiehda prodotti f'din il-kawza saru xi domandi mhux strettament relatati mal-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputat kien iddikjara li kellu fil-pussess tieghu numru ta' tajr protett ibbalzmati (Dok. "SG 2" – *a fol.* 14 *et seq.*).

Irrizulta li mill-ezami li sar waqt spezzjoni kien hemm kollezzjoni ta' tlieta u tletin ezemplari (Dok. "SG 1" – *a fol.* 11 *et seq.*). Giet ezebita lista ta' ezemplari li kienu neqsin (Dok. "SG 3" – *a fol.* 18). Meta xehdu Gilbert Haber u Stanley Gatt dawn qalu li meta staqsew lill-imputat x'kien ghamel bil-kumplament tal-kollezzjoni li ma nstabux (Dok "SG 3"), Gatt jghid li l-imputat qalilhom li: *"kienu ddeterjoraw u spjegalna kif progressivament bejn in-nineteen ninety eight (1998) u t-two thousand and eight (2008) [...] dan kien qieghed jiddisponi minnhom"* (*a fol.* 7). Da parti tieghu, Haber jghid li l-imputat qalilhom: *"li dawn kienu ntremew bejn in-ninety eight ('98) u t-two thousand and*

*eight (2008) minhabba li kienu qed jispiccaw"* (*a fol.* 30). Jirrizulta wkoll li filwaqt li meta xehed Gilbert Haber xehed li hu ma kienx informa lill-imputat li setgha jikkonsulta ma' avukat (*a fol.* 31), Stanley Gatt xehed li ma jiftakarx jekk l-imputat kienx inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat (*a fol.* 10). Il-Qorti tinnota li d-difiza ghandha ragun fl-argumenti sollevati minnha fis-sottomissjonijiet taghha rigward dak mistqarr mill-imputat lil Stanley Gatt u lil Gilbert Haber.

Illi d-difiza ghamlet riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Teddy Mercieca** fejn dak li ntqal ghandu jigi applikat *mutatis mutandis* ghall-kawza odjerna.

Illi, minkejja dan, jekk il-Qorti tiskarta dak li Gilbert Haber u Stanley Gatt xehdu dwar dak li kien qalilhom l-imputat, xorta wahda jirrizulta li dak elenkat fid-dikjarazzjoni tal-imputat fejn irregistra t-tajr ibbalzmat li kellu (Dok. "SG 2 – *a fol.* 14 *et seq.*) ma nstabx kollu tant li dak li ma nstabx gie elenkat f'Dok. "SG 3" (*a fol.* 18). M'hemmx dubju ghalhekk li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat u kif ukoll il-fatt li ma gietx ezebita l-fedina penali tal-imputat u b'hekk l-imputat ghandu jigi kunsidrat bhala *first-time offender*.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolament 4(2) u Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat John Muscat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt euro (€ 500.00).

Il-Qorti, wara li rat li uhud mill-ghasafar in kwistjoni huma nkluzi f'Skeda 1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------